MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 57/2019

Il-Ġimgħa 25 ta' Jannar 2019

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Is-Sinjura Marija Saliba – *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

## ASSENTI:

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

56.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Christian Cassar u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Marija Saliba kienu skużati. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

57.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 56/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

57.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

57.2.3 Il-Viċi Sindku ressaq xi emendi tal-minuti 56.5.13 u 56.7.2 u bi qbil unanimu ġew approvati u emendati.

57.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

57.3.1 Is-Sindku informa lill-membri dwar it-tiġdid ta' sħubija fil- *Gozo Action Group* għas-sena 2019 għall-parteċipazzjoni fil-*Leader Programme Project*. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

57.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li wara li l-Kunsill aċċetta l-kollaborazzjoni mal-parroċċa biex tintrema is-siġra tal-Milied fil-Pjazza, s-sehem tal-Kunsill ser ikun ta' nofs l-ispiża li tammonta għal €600. Kien hemm qbil dwar dan.

57.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsill jibda jħallas il-pagi ta'

żewġ ħaddiema li kienu mpjegati ma' RSSL u li kienu jagħmlu xi xogħlijiet f'Marsalforn. Minnufih il-Kunsill bagħat lid-Direttur Ġenerali s-Sur Natalino Fenech sabiex jinfurmah li din ir-responsabilita' m'għandhiex taqa' f'idejn il-Kunsill minħabba l-pożizzjoni finanzjarja li l-Kunsill jinsab fiha.

57.3.4 Is-Sindku għamel referenza għaċ-ċirkulari AKL 2018/138 dwar il-ħaddiema tal-CWSEF. Huwa qal li wara li ġiet diskussa fir-Reġjun, l-Assoċjazzjoni qalet li l-Kunsill għandu d-dmir li jiffirma dan il-ftehim sabiex jibqa' jgawdi mis-servizzi ta' dawn il-ħaddiema.

57.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li ser isir taħriġ tal-ewwel għajnuna kif ukoll ta' tifi tan-nar mill-AKL biex min hu interessat mill-membri jew mill-ħaddiema jista' japplika fl-uffiċċju tal-Kunsill sal-Ġimgħa l-1 ta' Frar 2019. Il-prezz huwa ta'€40 għall-ewwel parteċipant u €62 għal kull parteċipant ieħor.

57.3.6 Is-Sindku informa lill-membri dwar kors *Accounting and Sage Line 50* li se jsir minn ANSEK u DLG. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jattendi għal dan il-kors li ser jibda' fl-aħħar ta' Frar 2019 u l-prezz huwa ta' €175. Kien hemm qbil dwar dan.

57.3.7 Is-Sindku ppreżenta l-P*erformance Appraisal reports* tal-Uffiċjal Eżekuttiv, tal-Assistent Prinċipali, tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-ewwel xahar tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2018. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *Performance Bonus* sħiħ għal dawn l-impjegati.

57.3.8 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li ser jinħareġ avviż lir-residenti dwar il-laqgħa annwali tal-lokalita' kif ukoll biex jiġbru l-boroż tal-iskart organiku wara li WasteServ ġabet konsenja boroż fl-uffiċċju tal-Kunsill. Kien hemm qbil mill-membri li l-laqgħa tal-lokalita' issir nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2019 fil-5.00 ta' filgħaxija.

57.3.9 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill iċ-ċirkulari mibgħuta mill-assoċjazzjoni tal-Kunsilli dwar polza ta' assigurazzjoni tas-saħħa għall-membri u l-ħaddiema tal-Kunsill, polza ta' assigurazzjoni tkopri inċidenti personali, kif ukoll polza ta' assigurazzjoni tal-flus. Kien hemm qbil mill-membri li jsir it-tiġdid ta' dawn it-tlett poloz.

53.7.10 Is-Sindku informa lill-membri li wara li s-Segretarju Eżekuttiv attenda kors dwar il-*General Data Protection Regulation*, irriżulta l-Kunsill irid jieħu xi miżuri sabiex ikun konformi ma' dawn ir-regolamenti fosthom fis-sistema kompjuterizzata tal-Kunsill, fil-*website* tal-Kunsill, u oħrajn. Kien hemm qbil mill-membri li jinġabru kwotazzjonijiet għax-xogħol jew servizzi li jkun hemm bżonn biex il-Kunsill ikun konformi ma' dawn ir-regolamenti.

53.7.11 Is-Sindku nforma lill-membri li wara laqgħa li kellu mal-awtur tal-ktieb *'Żebbuġ of Gozo – Its People, Inscriptions and History'*, il-professur Horatio Caesar Roger Vella, wera x-xewqa li jsir *book launch* fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex nhar it-8 ta' Marzu 2019 fil-preżenza ta' xi mistednin distinti li elenka huwa stess. Ma kienx hemm qbil mill-membri dwar il-post fejn issir din il-*book launch* u l-membri talbu li ssir laqgħa mal-awtur.

57.3.12 Is-Sindku nforma lill-membri li wara li saret l-applikazzjoni biex jinkisbu fondi tal-UIF biex isir ir-riġenerazzjoni tal-playingfield, ser tinħareġ is-sejħa tal-offerti għall-*playingfield equipment*.

57.3.13 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-kamra l-kont ċċertifikat mill-Perit tal-Kunsill dwar xogħlijiet fi Triq iċ-Ċaqra. Huwa qal li fl-aħħar laqgħa kien hemm xi affarijiet li riedu jiġu spjegati mil-Perit u saret laqgħa miegħu dwar dan. Is-Sindku qal li dan il-kont mhux qed iressqu għall-vot biex jitħallas issa minħabba l-qagħda finanzjarja preżenti tal-Kunsill, iżda l-kuntrattur sema' li hemm xi problemi dwar il-kont u ried iserraħ moħħu li ser jitħallas tax-xogħol li għamel.
Il-Viċi Sindku qal li hu ma jaqbilx ma' dak il-kont u qed jitlob lill-Perit joħroġ kont mingħajr ir-rampi li saru għax ma jaqbilx magħhom.
Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba iddikjara li mhux ser jieħu sehem f'dan il-vot peress li fil-laqgħa mal-Perit ħareġ il-fatt li jista' jkun hemm kunflitt ta' interess min-naħa tiegħu. Għalhekk hu ddikjara kunflitt ta' nteress u ma ħax sehem fid-diskussjoni.
Il-Kunsilliera Sandra Grech qalet li wara l-laqgħa mal-Perit hi fehmet is-sitwazzjoni kif inhi, marret tara x-xogħol li sar fuq il-post, u stqarret li tax-xogħol li sar il-kuntrattur għandu jitħallas. Qalet li l-Kunsilliera kollha għamlu pressjoni biex dan ix-xogħol isir għall-ġid tal-bdiewa u r-residenti u issa li sar għandu jitħallas, għalhekk qed tivvota favur dan il-kont.
Is-Sindku qal li hu favur li jitħallas dan il-kont għax bix-xogħol li sar fit-

triq ġie ostakolat l-aċċess lill-bdiewa, u għalhekk riedu jsiru xi rampi biex il-bdiewa jkollhom l-aċċess. Hu qal li ma tistax tgħolli t-triq b'sitt pulzieri u ma tagħmilx aċċess għall-bdiewa biex jinżlu bil-makkinarji tagħhom speċjalment fi żmien il-ħsad.
Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera Sandra Grech għax permezz tal-vot tagħha seta' jgħaddi dan il-vot għall-ġid tal-Kunsill, tar-residenti u speċjalment għall-ġid tal-bdiewa tagħna.

## 57.4 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti:

57.4.1 *Service tender for the collection of bulky refuse from the locality of Żebbuġ, Gozo, in an environmentally friendly manner;*

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru 2018. Kien hemm żewġ offerti :
Maria Magro €16,556.00
Nicholas Zammit €15,250.00

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta ma tingħatax minħabba l-fatt li taqbeż il-budget allokat b'52%.

Għalkemm mhux unanimament, il-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li din l-offerta terġa' tiġi ppublikata wara studju aktar profond sabiex tingħata lill-aħjar offerent.

57.4.2 *Tender for the resurfacing of part of Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ, Gozo with hot rolled asphalt;*

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru 2018. Kien hemm żewġ offerti :
Gatt Tarmac Ltd €266,855.32
Road Structures Ltd €275,920.59

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda lil Gatt Tarmac Ltd peress li kienet l-irħas offerta u li kienet tissodisfa l-kriterji mitluba.

Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat unanimament.

## 57.5 Karnival 2019;

Il-Kunsill approva l-attivita' tal-Karnival għal din is-sena li ser issir nhar il-Ħadd 3 ta' Marzu 2019 fi Pjazza l-Assunta minn 12:15 'il quddiem. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir bħas-sena l-oħra, bl-attivita' tittella' bil-parteċipazzjoni tal-Banda Santa Marija, diversi kumpaniji taż-żfin, Cini Band, prinjolata, il-kukkanja, u kompetizzjoni fi tlett kategoriji: kostumi bil-foam, kostumi bla foam u tal-maskarat. Il-Kunsill qabel li kull parteċipant jingħata tifkira tal-okkażjoni.

## 57.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

57.6.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Biex tiġi nstallata bozza LED ġdida mar-residenza bin-numru 60, fi Triq il-Ponta ż-Żebbuġ. Kien hemm qbil dwar dan.
- Biex issir *manhole* u gradilja tal-ħadid bħala bokka għall-bir fi Triq Wied l-Infern. Kien hemm qbil dwar dan.
- Ġie avviċinat minn grupp ta' voluntiera li jixtiequ jagħmlu attivita' fil-lokalita' biex isir xi tindif fil-kampanja. Il-membri qalu li għandha ssir talba bil-miktub li mbagħad tiġi kkunsidrata f'laqgħa tal-Kunsill.
- Dwar il-proġett tal-*masterplan* u tal-*breakwater* f'Marsalfron, il-Viċi Sindku qal li jaqbel mal-*masterplan* rigward il-pavimentar u r-riġenerazzjoni tal-bajja iżda mal-proġett tal-*breakwater* kif qed jiġi propost ma jaqbilx u dan minħabba tlett raġunijiet:
  l-ilma u l-ħama tal-wied ser jibqa' fil-bajja minħabba nuqqas ta' ċirkulazzjoni tal-ilma;
  hemm ċans li l-bajja ssir bajja għall-privat;
  u s-sajjieda nkwetati li jekk jinqabdu barra fil-maltemp ikun impossibli jidħlu fil-bajja u jispiċċaw jinkaljaw mal-breakwater.
  Huwa qal li hemm bżonn konsultazzjoni wiesa' u b'aktar serjeta'.
- Staqsa dwar korrispondenza li l-Kunsill jirċievi mill-Awtorita' tal-Ippjanar rigward applikazzjonijiet ta' żvilupp fil-lokalita'. Dan minħabba li resident ġibidlu l-attenzjoni dwar żvilupp li se jsir fil-

lokalita’ u l-Kunsill ma oġġezzjonax. Il-Viċi Sindku qal li dan huwa każ li jista’ jaffetwa l-aċċess għar-raħal. Hu qal ukoll li ħa parir mingħand Perit u ġie nfurmat minnu li l-Kunsill għadu jirċievi dawn in-notifiki.

Is-Sindku wieġeb li fil-bidu meta kien laħaq Sindku, dawn l-applikazzjonijiet kienu jaslu fil-Kunsill iżda minn xi żmien ‘l hawn dawn ma baqgħux jintbagħtu. Huwa qal li jekk hemm xi ħadd qed jaħseb li hu qed jaħbi xi karti jista’ jġib kopja tagħhom hawn ħalli naraw hux veru.

Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li hu bagħat lill-Perit tal-Kunsill dwar dawn in-notifiki hekk kif sar jaf b’dan il-każ mill-Viċi Sindku dakinhar stess filgħodu minħabba li l-Kunsill mhux qed jiġi nnotifikat dwar dawn l-applikazzjonijiet ta’ żvilupp.

57.6.2 Il-Kunsillier Chev. Carmelo Saliba ressaq dawn il-punti:

- Wera diżappunt li fl-attivitajiet tal-Milied li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu ma kienx involut fil-kompetizzjoni tal-presepji u rċieva xi lmenti li ma saritx preżentazzjoni bir-riżultati tal-kompetizzjoni.
- Rigward iż-żewġ konferenzi tal-istampa li saru, irringrazzja lill-Gvern Ċentrali tal-għajnuna tagħhom iżda xi residenti ressqu xi lmenti miegħu. Dwar Triq Wied l-Infern ġibdulu l-attenzjoni li l-wiċċ tat-triq seta’ ġie aktar lixx, filwaqt li dwar il-proġett tal-*masterplan* u l-*breakwater* f’Marsalforn jemmen li hemm bżonn tinfetaħ diskussjoni aktar wiesa’ u finalment għandu jsir referendum konsultattiv mar-residenti fejn tiġi rrispettata l-għażla tal-maġġoranza tagħhom.
- Suġġeriment sabiex bħal snin oħra, ta’ kull xahar issir attivita’ jew ħarġa kulturali sa tmiem din il-leġislatura. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.
- Suġġeriment sabiex fid-dawl tal-ħbiberija kemm ma’ Lanuvio kif ukoll ma’ Maletto, il-Kunsill japplika għall-fondi mill-Ewropa. Is-Sindku wieġeb li min-naħa tal-Kunsill taż-Żebbuġ għamel il-parti tiegħu u ġab delegazzjoni minn Lanuvio permezz tal-fondi tal-Ewropa, issa jmiss li Lanuvio tapplika hi għal dawn il-fondi sabiex delegazzjoni miż-Żebbuġ iżżur Lanuvio.
- Suġġeriment sabiex fid-dawl tal-esperjenzi li għaddejna minnhom, kull meta ssir talba għal xi xogħlijiet avolja jkun hemm ir-rati stabbiliti fis-sejħa tal-offerti, tintalab kwotazzjoni u stima

tax-xogħol minn qabel.

- Suġġeriment sabiex tinġabar stima tat-tielet webcam li jkollha l-funzjoni li tiffoka u tintuża flok dik preżenti li hemm fil-Knisja. Kien hemm qbil dwar dan.
- Għandu jibda l-proċess mal-Gvern Ċentrali biex isir espropjazzjoni tal-art biex Triq iċ-Ċnus, Triq il-Ponta u Triq ta' Ċenċ ikunu aċċessibli għat-trasport pubbliku, mingħajr ma jkun ta' dannu għal ħadd speċjalment għas-sidien tal-art.

57.6.3 Is-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Qed tirċievi diversi lmenti dwar l-ilma li qed ikun hemm fi Triq ta' Ċenċ. Is-Sindku wieġeb li kellem lil WSC dwar dan u ser jagħmlu xi testijiet biex jaraw minn fejn ħiereġ dan l-ilma.
- Suġġeriment sabiex flok il-grada tal-ħadid li tinsab fi Triq il-Kaċċaturi, issir grada tal-konkos minħabba l-ħsejjes li qed tagħmel kull x'ħin jgħaddu l-vetturi minn fuqha. Kien hemm qbil dwar dan.
- Biex isir *traffic management plan* mill-Perit minħabba l-problema tal-parkeġġ fi Triq il-Knisja hekk kif iddur mal-Knisja.
- Fakkret dwar l-istat ħażin ta' Triq Għajn Quċċat u l-approvazzjoni li hemm tal-Kunsill biex meta l-Kunsill ikun f'qagħda finanzjarja aħjar din tingħata wiċċ ġdid.

## 57.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

57.7.1 Ċirkulari AKL 2018/156 – Awguri għall-Festi tal-Milied u s-Sena l-Ġdida. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.2 Ċirkulari AKL 2018/157 – *Group Health Policy Renewal* 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut u approva t-tiġdid tal-polza għall-membri tal-Kunsill, tal-Kumitat Amministrattiv u tal-ħaddiema, kemm klerikali kif ukoll dawk tal-CWSEF.

57.7.3 Ċirkulari AKL 2018/158 – Aħbar tal-mewt tas-Sur Anthony Borg, ex-Sindku tal-Fontana. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.4 Ċirkulari AKL 2019/001 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għar-Reġjuni u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u approva sħubija f'din il-

polza biex il-Kunsill ikun protett fl-eventwalita' ta' serq u/jew inċidenti waqt serq.

57.7.5 Ċirkulari AKL 2019/002 – Personal Accident Policy. Il-Kunsill innota l-kontenut u approva sħubija f'din il-polza sabiex il-Kunsill ikun protett fl-eventwalita' ta' xi inċident tal-ħaddiema u l-membri.

57.7.6 Ċirkulari AKL 2019/003 – Talbiet jew applikazzjonijiet għal Devoluzzjoni li għadhom pendenti. Ġie nnutat li l-Kunsill preżentament m'għandu l-ebda talba jew applikazzjoni pendenti għal devoluzzjoni.

57.7.7 Ċirkulari AKL 2019/004 – Laqgħa Plenarja – Għawdex 15/16 ta' Frar 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.8 Ċirkulari AKL 2019/005 – Summit għall-membri żagħżagħ eletti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.9 Ċirkulari AKL 2019/006 – Sessjonijiet ta' taħriġ għall-Fire Wardens u kors Bażiku ta' Frist Aid. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.10 Ċirkulari AKL 2019/008 – Bring the history back to life with The Malta Experience, Valletta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.11 Ċirkulari Numru SPI 14/2018 – Tagħrif dwar in-numru ta' Qtates fit-Toroq (*strays*) u min qed jitmagħhom. Il-Kunsill innota l-kontenut u bagħat ir-risposti rikjesti.

57.7.12 DĠ Komunikat 1/2019 – Ħatra ta' Direttur – *Designate*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.13 DLG Ċirkulari Numru 1/2019 – Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-President tar-Reġjuni u s-Sindki. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.14 DLG Ċirkulari Numru 2/2019 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.15 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva stima biex jinxtraw u jitħawlu xi siġar taż-żebbuġ madwar il-lokalita'. Il-prezz b'kollox huwa ta' €13 kull siġra. Kien

hemm qbil mill-membri dwar dan u Chev Carmelo Saliba ser jindika l-postijiet fejn ser jitħawlu dawn is-siġar.

57.7.16 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-latrina pubblika tal-pjazza bħalissa tinsab bla dawl minħabba xi ilmijiet li daħlu fil-kaxxa tad-dawl u qabel ma jinxef l-ilma l-*electrician* ma jistax jirranġa l-problema li hemm. Il-membri nnutaw dan.

57.7.17 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kumpanija FACES li tieħu ħsieb l-installazzjoni ta' *bus shelters* ġodda. Il-kumpanija talbet lill-Kunsill sabiex tressaq il-proposti tagħha b'postijiet ġodda fejn jistgħu jsiru *bus shelters* ġodda fil-lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri preżenti biex titressaq proposta għall-*bus shelter* ġdida fi Pjazza tal-Virtut u oħra ħdejn iċ-ċimiterju.

57.7.18 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kumitat għall-Ismijiet tat-toroq għal Għawdex rigward il-proposta tal-Kunsill mressqa minn Chev Carmelo Saliba biex it-triq ta' wara l-Knisja tissemma' Triq Mons Franġisk Saliba. Il-Kumitat qed jitlob għal aktar tagħrif fosthom bijografija qasir dwar Mons. Franġisk Saliba. Chev Carmelo Saliba qal li ser jgħaddi din l-informazzjoni lill-Kunsill.

57.7.19 Il-Kunsill irċieva *traffic management plan* mill-Perit tal-Kunsill dwar l-ispazji tal-parkeġġ ta' Triq Ħal Sagħtrija u Triq Oniċi, kif ukoll ta' parti minn Triq Għajn Mhelhel. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti li għal Triq Onici u Triq Ħal Sagħtrija tintbagħat il-pjanta lil Transport Malta għal approvazzjoni filwaqt li fi Triq Għajn Mhelhel għalissa ma jsir xejn minħabba li l-ispazji tal-parkeġġ qed jiġi propost mill-Perit biex jitnaqsu għal sitt spazji biss.

57.7.20 Ilment 01/2019 – MGOZ *intervention team*
Biex tinbidel mera tat-traffiku ġdida fi Triq il-Ponta, Iż-Żebbuġ. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

## 57.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Il-minuti tal-laqgħa bin-numru KAM 44/2018 tat-Tlieta 11 ta' Diċembru 2018 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ġew approvati mill-

Kunsill wara li kienu ċċirkolati minn qabel.

### 57.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 42/2019 għall-perjodu bejn il-15 ta' Diċembru 2018 u l-24 ta' Jannar 2019 li tammonta għal €34,204.19 ġiet approvata u ffirmata.

### 57.10 Mozzjonijiet;

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

### 57.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-8.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 14 ta' Frar 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 14 ta' Frar 2019.

*Iffirmati*
Nicky Saliba
Sindku

*Iffirmati*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv